KLR 19/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**19.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**19.2 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjonijiet Numri 9, 10 u 11 ġew imressqa mill-Kunsillier Debrincat u ssekondati mis-Sindku, il-membri Portelli u Buttigieg rispettivament.

**Mozzjoni Numru 9**

**Permezz ta' din il-mozzjoni qiegħed nitlob lill-Kunsill biex jikteb lil Transport Malta (TM) biex isiru żewġ *road humps* tal-konkos (kif indikati minn TM) fi Triq Għajn Qatet. Waħda trid issir lejn ix-Xewkija u l-oħra lejn ir-Rabat. Dawn iridu jsiru kif taqbeż l-Isptar Ġenerali quddiem parti mill-ġnien ta' l-istess stpar u oħra quddiem għalqa faċċata tagħha. Dawn ma humiex ser jiskomodaw residenti peress li kif inhuma ndikati mhux ser ikunu quddiem djar. Dan qed nitolbu peress li minn meta Triq Għajn Qatet ingħatat tarmak ġdid u saret *two way*, qed tkun qisha *runway* u sikwit qed ikun hemm ħbit ta' vetturi, speċjalment minn min ikun ħiereġ minn Triq Sir Pawlu Boffa. Nitlob ukoll li jsiru tabelli fejn jindikaw li hemm dawn ir-*road humps* biex nimxu dejjem skont ir-regolamenti. Jien diġa' spjegajt lil TM u talbuni biex nitkbulhom bħala Kunsill.**

**Inkompli ma l-istess mozzjoni, nitlob li jsiru tabelli kif toħroġ minn Triq Pompei fi Triq Għajn Qatet fejn jindikaw id-direzzjoni għall-Isptar Ġenerali, Xewkija u Imġarr.**

Il-membri qablu unanimament.

**Mozzjoni Numru 10**

**Permezz ta' din il-mozzjoni nitlob li Triq is-Sellum minn naħa tar-Rabat titranġa kemm jista' jkun malajr għax qedgħa fi stat ħażin ħafna speċjalment fil-bidu tagħha. Jekk m'għandniex fondi biex nirranġaw din it-triq, nerġgħu nitolbu l-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri biex jgħin finanzjarjament minn fondi tal-Minsiteru għal Għawdex kif konna mwiegħda meta kellna laqgħa kordjali miegħu.**

Il-membri qablu li l-Kunsill jibgħat lill-Ministeru għal Għawdex, stima ta' Perit tax-xogħol li hemm bżonn li jsir biex din it-triq tingħata t-tarmak.

**Mozzjoni Numru 11**

**Residenti fil-parti tal-*blocks* tal-flattijiet taċ-Ċawla qed jilmentaw li gwardjani lokali Maltin tal-LESA qed iduru fl-inħawi u jaraw jekk il-karozzi jkunux ipparkjati fil-kaxxi. Fejn ma jkunux ipparkjati kif suppost qed jingħataw ċitazjonijiet jew min jinduna bihom, l-uffiċjali tal-LESA qed iwissuhom biex ma jerġgħux jipparkjaw ħażin. L-istess residenti ġibduli l-attenzjoni li għad baqa' xi spazji fejn jistgħu isiru aktar kaxxi. Għaldaqstant nitlob li nkellmu lill-Perit biex, fejn jista', jindika xi spazji vojta fejn baqa' biex ikunu jistgħu isiru aktar kaxxi għall-parkeġġi.**

Il-membri qablu unanimament.

Mozzjoni numru 12 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttigieg u ssekondata mill-Viċi Sindku.

**Mozzjoni Numru 12**

**Qed inressaq din il-mozzjoni minħabba l-fatt li qed ikun hemm diversi lmenti rigward in-nuqqas ta' parkeġġ fl-*area* tal-*Housing Estate* f'taċ-Ċawla. Nissuġġerixxi li nitolbu lill-Awtoritajiet konċernati sabiex jinġabu l-permessi neċessarji u jagħmlu x-xogħol biex titneħħa s-*soft area* li hemm wara *blocks* FA u FB. Din l-*area* imbagħad titranġa kif suppost biex tiġi sservi ta' parkeġġ.**

Buttigieg spjega li jekk jitneħħew is-siġar u s-*soft area* jiżdiedu l-parkeġġi b'mod sostanzjali. Is-Sinkdu qal li naraw li ma jitneħħewx siġar jekk ma jkunx hemm għalfejn. Il-membri qablu li jintalbu l-permessi mill-Awtoritajiet konċernati.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri fir-rigward tad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa bejn il-Kunsilli ta' Malta u Għawdex dwar il-Long Term Waste Management Plan 2021-2030. Dan għadu f'fażi inizjali u qed jitressqu diversi proposti mill-Gvern anke' mil-lat ta' jekk il-kuntratti tal-ġbir tal-iskart għandhomx jibdew jinħarġu fuq bażi reġjonali.

19.3.2 Ġew imressqa u approvati l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar il-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2021 fis-18:00, annesi f'dokument A.

## 19.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

19.4.1 Il-membru Buttigieg staqsa fuq mozzjoni numru 6 li ġiet approvatha fil-laqgħa li għaddiet. Il-membri qablu li għandha tintalab stima mingħand l-enġiniera tad-dawl sabiex isir dak li hu neċessarju biex issir bozza fin-niżla tal-Lunzjata;

19.4.2 Il-membru Debrincat ġibed l-attenzjoni fir-rigward tal-istat li tinsab fih Triq Ġuże' Ellul Mercer. Din it-triq inqassmet bit-trakkijeit kbar u xarabanks li qed jgħaddu minnha. Tinsab fi stat ħażin ukoll minħabba l-fatt li l-ilma tax-xita ta' Triq Aniċi jinżel kollu fiha. Debrincat issuġġerixxa li jintalab lill-Minsiteru għal Għawdex sabiex jiġi kkunsidrat li din it-triq tinbena mill-ġdid. Il-membri qablu li ssir stima ta' Perit u titressaq quddiem il-Ministeru għal Għawdex għall-kunsiderazzjoni.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

19.4.3 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward:-
(i) SPI.SCI.2.2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex;
(ii) SPI.SCI.8.2020 – Espressjoni ta' Interess Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022. Din l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa mir-Reġjun Għawdex;
(iii) Espressjoni ta' Interess – Donazzjoni ta' Siġar tal-Palm li qed joffri d-Dipartiment tal-Biedja u s-Sajd flimkien mad-Direttorat għall-Protezzjoni tas-Siġar;

19.4.4 iċ-*Chairman* Eżekuttiv fi ħdan Ambjent Malta rigward konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rigward l-ambjent;

19.4.5 is-Segretarja għall-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex rigward it-tismija ta' Triq Duminku Mintoff. Il-Kumitat jaqbel mal-proposta u l-Kunsill intalab sabiex jipprovdi dikjarazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet li turi li t-triq ta' bejn l-iskejjel sekondarji saret pubblika;

19.4.6 il-Kap tal-Iskola tal-Konservatorju tal-Isqof fejn qal li qed isir xi xogħol fl-iskola sabiex jitneħħew il-wajers tad-dawl li huma bla użu u talab sabiex tinbidel bozza li tixgħel mad-dawl tat-toroq u li tinsab fil-bitħa tal-iskola. Il-membri qablu li tinbidel u ssir fanal dekorattiv;

19.4.7 Dr Angele Formosa għan-nom ta' Clemia Zammit. Intalab sabiex il-Kunsill jiffirma dikjarazzjoni li tgħid li x-xogħol li sar fi Sqaq fi Triq Dun Pawl Micallef sar fuq rikjesta ta' terzi u li x-xogħol ma kienx xogħol ta' manteniment u li dan l-isqaq hu privat. Il-Kunsill m'għamel ebda' xogħol f'dan l-isqaq. Ittieħed il-parir tal-Avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill mhuwiex obligat li jiffirma tali dikjarazzjoni;

19.4.8 Isabel Farchy fejn talbet sabiex jitnaqqas il-vultaġġ tad-dawl ta' Triq San Ġużepp. Il-membri ma jaqblux minħabba s-siġurta' fit-triq.

**19.5 Immaniġjar tat-traffiku**

19.5.1 TM approvat *double yellow lines* fi Triq it-Tabib Anoton Tabone biswit 'Eyad Phone'.

19.5.2 TM bgħatet għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem ir-residenza ta' John Anthony Zammit, Blokk E, Bieb A, Flat 4, Taċ-Ċawla H.E. Il-Kunsill ser jimla' l-formoli kif rikjesti.

19.5.3 TM poġġiet tabelli fil-bidu ta' Triq Vajrinġa sabiex vetturi tqal ma jgħaddux waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola.

Il-Kunsill talab dawn lil TM:-

19.5.4 *pedestrian crossing* fi Triq Santa Martha fejn il-Kapella tal-Għonq;

19.5.5 *pedestrian crossing* fi Triq San Leonardu qrib il-'Lidl';

19.5.6 *one metre yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Velci Court', Flat 5, fi Triq it-23 ta'April;

19.5.7 *railing* biex ikun t'għajnuna għall-pedonali fil-kantuniera t'isfel fi Triq il-Kastell;

19.5.8 *double line* quddiem bieb fi Triq it-8 ta' Diċembru.

19.5.9 Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob lil TM sabiex fil-ġranet tal-iskola jkun hemm uffiċċjal ta' TM stazzjonat fil-*junction* ta' Triq Dawwara ma Qasam San Ġorġ u Triq Gedrin. Dan minħabba li bejn it-08:05 u t-08:30 ikun hemm konġestjoni kbira ta' traffiku.

**19.6 Xogħlijiet tal-Kunsill**

19.6.1 Rigward il-proġett tal-bdil tal-fanali fiċ-ċenru tar-Rabat, il-membri ġew mgħarrfa li r-Reġjun Għawdex aċċetta li jkun ta' sapport għal dan il-proġett biex jekk l-Awtorita tal-Ippjanar (PA) taċċettah, ikun finanzjat mija fil-mija mill-istess Awtorita'. L-PA ġiet infurmata bid-dikjarrazzjoni tar-Reġjun Għawdex.

19.6.2 Dwar it-talba għall-finanzjament tar-restawr ta' San Ġorġ tal-Ħaġar u l-istatwi ta' fuq iz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wisitin, Eko-Għawdex aċċettat li tiffianzja dan ix-xogħol u l-Kunsill għandu €4,547.50 (VAT eskluża) għal San Ġorġ tal-Ħaġar u €12,835.00 (VAT eskluża) għall-istatwi ta' fuq iz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wisitin. Eko-Għawdex m'aċċettatx li tiffinanzja l-parti tal-manteniment ta' dan ir-restawr. Il-Perit għandu jgħaddi d-dettalji sabiex jinħarġu l-offerti separati għal dan ir-restawr. Il-permess tal-PA biex isir ix-xogħol inħareġ ukoll.

19.6.3 Dwar il-kisi tal-bqija ta' Triq l-Arċipriet Saver Cassar, il-Kunsill irċieva mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn tressqu l-proposti sabiex isir xogħol fuq il-komunikazzjonijet tad-dranaġġ fejn l-ispejjeż sser tkoprihom il-Korporazzjoni wara li tinħareġ l-Letter of Acceptance lill-Kunsill.

**19.7 Ingaġġar ta' skrivan ġdid**

Billi l-*Assistant Principal* m'għadiex taħdem f'dan il-Kunsill u bdiet taħdem f'Kunsill ieħor, il-membri qablu li jiġi ngaġġat skrivan *full-time*. Saret diskussjoni jekk dan l-impjieg għandux ikun *back-to-back* jew le. Il-membru Buttigieg ma jaqbilx li għandu jkun *back-to-back* minħabba l-fatt li jekk l-*Assistant Principal* terġa' tiddeċiedi li tiġi lura taħdem f'dan il-Kunsill, kif diġa' ġara, l-iskrivan il-ġdid jitlef xogħlu. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara jekk il-Kunsill ikollux fondi biżżejjed sabiex jiffinanzja erba' skrivani *full-time* jekk is-sejħa ma tinħariġx *back-to-back*. Tenna li l-quddiem il-Kunsill dejjem jista' joħroġ sejħa nterna sabiex dan l-iskrivan ma jibqax *back-to-back*. Il-Viċi Sindku qal l-Kunsill m'għandux jimpjega skrivan li ma jkunx *back-to back* u jkun qed jitfa piż, anke' fuq il-Kunsill li jmiss. Jekk imbagħad il-Kunsill ikun f'posizzjoni finanzjarja aħjar, jew il-Kunsill li jmiss iħoss li dan l-iskrivan m'hemmx għalfejn jibqa' *back-to-back*, allura tista' tinħareġ sejħa nterna, skont ir-regolamenti, għall-skrivan mhux fuq bażi *back-to-back*.

Għaldaqstant il-membri qablu li jintalab il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġi ngaġġat skrivan *full-time*, *scale* 15, *back-to back*.

**19.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2021 skond dokument B anness.

**19.9 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

19.9.1 jintalab Perit sabiex issir pjanta fejn turi iktar regolariżazzjoni tal-parkeġġ fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

19.9.2 titranġa rampa tal-garaxx ta' 53A, Triq San Duminku minħabba li hi kollha miksura;

19.9.3 jitranġa t-tarmak tal-*gutter* eżistenti ta' quddiem binja ġdida fi Triq l-Assunta;

19.9.4 ssir bankina quddiem 8, 9 u 10 fi Triq Santa Marija wara li jitlesta r-restawr ta' din id-dar;

19.9.5 titranġa l-bankina ta' quddiem N.B. Flat 1, fi Triq Ninu Cremona;

19.9.6 titranġa rampa perikoluża li tinsab biswit il-bieb ta' Blokk HA f'taċ-Ċawla H.E.;

19.9.7 jinbidlu d-*dome* u ż-żurżieqa li tkissru fi *playhouse* minn tal-*playing field*. L-istima hi ta' €1,416.00 li tinkludi l-VAT u l-installazzjoni;

19.9.8 billi l-iskart mormi illegalment naqas minn fejn il-*bring-in-site* wara li saru l-kameras, dan beda jiżdied f'postijiet oħra bħal f'taċ-Ċawla H.E. u fi Triq Ġorġ Bog Olivier. Il-membri qablu li l-Kunsill jibqa' jiġbor u jnaddaf dawn l-*areas* u jibqa' jħallas ta' dan is-servizz;

19.9.9 jorganiżża kunċert virtwali flimkien mal-'Chorus Urbanus' u m'għandhomx jinqabżu €800 fi spejjes;

19.9.10 tinxtara inċiżjoni tal-artist John Grima li turi l-Belt Victoria. Il-prezz hu ta' €150.

**19.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 24 ta' Frar, 2021 fil-17:00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv